2025/2606

19.12.2025

REGOLAMENT TA' IMPLIMENTAZZJONI TAL-KUMMISSJONI (UE) 2025/2606

tat-18 ta' Diċembru 2025

li jistabbilixxi l-format tar-rapporti tal-Istati Membri dwar l-implimentazzjoni tad-Direttiva 2009/33/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill

IL-KUMMISSJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidrat it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidrat id-Direttiva 2009/33/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-23 ta' April 2009 dwar il-promozzjoni tal-vetturi nodfa tat-trasport bit-triq b'appoġġ għall-mobbiltà b'emissjonijiet baxxi ([1]), b'mod partikolari l-Artikolu 10(6) tagħha,

Wara li kkonsultat lill-Kumitat dwar l-infrastruttura tal-fjuwils alternattivi,

Billi:

(1) L-Artikolu 10(2) tad-Direttiva 2009/33/KE dwar il-promozzjoni tal-vetturi nodfa tat-trasport bit-triq jirrikjedi li l-Istati Membri jippreżentaw rapporti dwar l-implimentazzjoni tagħhom ta' dik id-Direttiva. Dawn ir-rapporti jenħtieġ li jipprovdu informazzjoni dwar: i) l-għadd u l-kategoriji ta' vetturi koperti mill-kuntratti tal-akkwist pubbliku fil-kamp ta' applikazzjoni tad-Direttiva; ii) il-miżuri meħuda biex tiġi implimentata d-Direttiva; u iii) l-attivitajiet ta' implimentazzjoni futuri. Jenħtieġ li jipprovdu wkoll kwalunkwe informazzjoni oħra li l-Istat Membru jqis li tkun rilevanti. L-ewwel rapport ta' dan it-tip jenħtieġ li jiġi ppreżentat sat-18 ta' April 2026 u jenħtieġ li jkopri informazzjoni relatata mal-ewwel perjodu ta' referenza, mit-2 ta' Awwissu 2021 sal-31 ta' Diċembru 2025.

(2) F'konformità mal-Artikolu 10(6) tad-Direttiva 2009/33/KE, jenħtieġ li l-Kummissjoni tadotta atti ta' implimentazzjoni li jistabbilixxu l-format ta' dawn ir-rapporti li jridu jiġu ppreżentati mill-Istati Membri.

(3) F'konformità mal-Artikolu 10(3) tad-Direttiva 2009/33/KE, jenħtieġ li l-Kummissjoni tgħin lill-Istati Membri jissodisfaw l-obbligi ta' rapportar tagħhom billi twettaq l-estrazzjoni tad-data rilevanti mill-avviżi tal-kuntratti ppubblikati fil-bażi tad-data Tenders Electronic Daily, kif ukoll billi tiġbor u tippubblika l-informazzjoni rilevanti dwar il-kuntratti tal-akkwist pubbliku fil-kamp ta' applikazzjoni tad-Direttiva.

(4) Minn Frar 2024, sistema ġdida għall-kodifikazzjoni tal-kuntratti tal-akkwist pubbliku permezz tal-Formoli elettroniċi ssostitwiet is-sistema preċedenti ta' avviżi fil-qafas tal-bażi tad-data Tenders Electronic Daily. Is-sistema l-ġdida tippermetti l-kodifikazzjoni ddedikata u l-estrazzjoni awtomatika tad-data rilevanti għall-implimentazzjoni tad-Direttiva 2009/33/KE. Il-Kummissjoni wettqet l-estrazzjoni mill-bażi tad-data Tenders Electronic Daily tal-informazzjoni kollha mill-avviżi rilevanti fil-qafas tas-sistema preċedenti ta' avviżi. Il-Kummissjoni qasmet din l-informazzjoni mal-Istati Membri permezz tal-Kumitat dwar l-infrastruttura tal-fjuwils alternattivi.

(5) Il-miżuri previsti f'dan ir-Regolament huma f'konformità mal-opinjoni tal-Kumitat dwar l-infrastruttura tal-fjuwils alternattivi,

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

Artikolu 1

Dan ir-Regolament jistabbilixxi l-mudell għar-rapporti dwar l-implimentazzjoni tad-Direttiva 2009/33/KE, li jridu jiġu ppreżentati mill-Istati Membri f'konformità mal-Artikolu 10(2) ta' dik id-Direttiva.

Il-mudell huwa stabbilit fl-Anness.

([1]) ĠU L 120, 15.5.2009, p. 5, ELI: http://data.europa.eu/eli/dir/2009/33/oj.

Artikolu 2

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fl-għoxrin jum wara dak tal-pubblikazzjoni tiegħu f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell, it-18 ta' Diċembru 2025.

Għall-Kummissjoni
Il-President
Ursula VON DER LEYEN

ANNESS

MUDELL GĦAR-RAPPORTAR DWAR L-IMPLIMENTAZZJONI TAD-DIRETTIVA 2009/33/KE

1. Struttura istituzzjonali u traspożizzjoni

Din it-taqsima trid tipprovdi ħarsa ġenerali lejn ir-rwol u l-kompetenzi ta' korpi pubbliċi differenti fir-rigward tat-traspożizzjoni u l-implimentazzjoni tad-Direttiva 2009/33/KE, u tispjega kif l-isforz ġie kondiviż fl-Istat Membru.

1.1. *Awtorità responsabbli għat-traspożizzjoni u għall-implimentazzjoni tad-Direttiva*

L-awtoritajiet pubbliċi ewlenin inkarigati biex jiżguraw li d-Direttiva tiġi implimentata fil-livell nazzjonali (eż. il-Ministeru għat-trasport, il-Ministeru għall-ekonomija) iridu jiġu elenkati f'din it-taqsima. Jekk il-kompetenzi jiġu kondiviżi bejn il-livelli nazzjonali, reġjonali u lokali, dan jista' jiġi spjegat hawnhekk.

1.2. *Miri minimi għall-akkwist u l-kondiviżjoni tal-isforzi fl-Istat Membru*

Din it-taqsima trid tippreżenta kif il-miri minimi għall-akkwist stabbiliti fl-Artikolu 5 u fl-Anness I tad-Direttiva 2009/33/KE jiġu implimentati fl-Istat Membru. B'mod partikolari, l-Istati Membri jridu jindikaw jekk il-miri minimi għall-akkwist ġewx applikati permezz ta': i) l-użu tal-istess livell ta' ambizzjoni għall-awtoritajiet kontraenti u għall-entitajiet kontraenti kollha fil-kamp ta' applikazzjoni tad-Direttiva; jew ii) l-istabbiliment ta' livelli differenti ta' ambizzjoni għal diversi awtoritajiet kontraenti u entitajiet kontraenti. Fil-każ tal-aħħar, għandha tiġi pprovduta spjegazzjoni qasira dwar kif ġew stabbiliti l-miri differenti.

1.3. *Eżenzjonijiet nazzjonali*

Din it-taqsima se tindika jekk l-Istat Membru użax eżenzjonijiet nazzjonali għal kwalunkwe waħda mill-kategoriji ta' vetturi elenkati fl-Artikolu 2 tad-Direttiva 2009/33/KE.

2. *Data* kwantitattiva mill-bażi tad-*data* Tender Electronic Daily (TED) u mill-Formoli elettroniċi

Id-*data* dwar l-għadd u l-kategoriji ta' vetturi koperti mill-kuntratti msemmija fil-punti (a) u (c) tal-Artikolu 3(1) tad-Direttiva 2009/33/KE — miġbura u ppubblikata mill-Kummissjoni permezz tal-estrazzjoni tad-*data* rilevanti mill-avviżi tal-għoti tal-kuntratti ppubblikati fuq it-TED — trid tiġi ppreżentata mill-Istati Membri f'din it-taqsima jekk jużaw xi ħaġa minn dik id-*data* għal dan ir-rapport. L-Istati Membri li jiddependu b'mod esklużiv fuq sistemi nazzjonali ta' monitoraġġ u ta' rapportar, mingħajr ma jintegraw id-*data* mill-bażi tad-*data* tat-TED, jistgħu jħallu din it-taqsima vojta.

Għall-ewwel perjodu ta' referenza, il-Kummissjoni twettaq l-estrazzjoni u tippubblika d-*data* separatament għall-avviżi kkodifikati fit-TED sal-31 ta' Diċembru 2023 bl-użu tal-format ta' rapportar preċedenti, u għal dawk ikkodifikati mill-1 ta' Jannar 2024 bl-użu tal-Formoli elettroniċi attwali. Dik id-*data* trid tiġi inkluża separatament fit-Tabelli 1a u 1b, rispettivament; fit-Tabella 1b (l-avviżi kkodifikati bejn l-1 ta' Jannar 2024 u l-31 ta' Diċembru 2025), l-Istati Membri jistgħu jikkodifikaw id-*data* estratta mill-Kummissjoni jew jużaw id-*data* estratta minnhom direttament mill-bażi tad-*data*. Madankollu, id-*data* inkluża f'din it-tabella għandha tiġi mill-bażi tad-*data* tat-TED u mill-Formoli elettroniċi, u mhux minn sistemi nazzjonali separati ta' monitoraġġ u ta' rapportar. It-Tabella 1 irid ikun fiha l-għadd totali għall-perjodu kollu, miksub biż-żieda tan-numri fiċ-ċelloli korrispondenti fit-Tabella 1a u 1b.

Għall-perjodi ta' referenza sussegwenti, trid tintuża biss it-Tabella 1. Il-Kummissjoni se tiġbor id-*data* għall-perjodu kollu bl-istess format (Formoli elettroniċi), u dik id-*data* trid tiġi inkluża direttament fit-Tabella 1.

Fit-tielet kolonna tat-Tabelli 1, 1a u 1b, l-Istati Membri jridu jindikaw liema sehem mill-avviżi inklużi fit-tabella rispettiva jipprovdu l-informazzjoni sħiħa meħtieġa għar-rekwiżiti ta' monitoraġġ u ta' rapportar tad-Direttiva 2009/33, jiġifieri t-tip ta' vetturi, il-kategorija tagħhom, u jekk dawn humiex vetturi nodfa f'konformità mal-Artikolu 4(4) tad-Direttiva, diment li tali informazzjoni tkun disponibbli ([1]).

([1]) Din l-informazzjoni setgħet ġiet ipprovduta fl-avviżi billi jiġi indikat jekk il-vetturi li qed jiġu akkwistati humiex nodfa, jew billi tiġi inkluża biżżejjed informazzjoni dwar il-vetturi involuti biex dan jiġi vvalutat.

Tabella 1

***Data* aggregata mill-bażi tad-*data* tat-TED u mill-Formoli elettroniċi, li tkopri l-perjodu ta' referenza kollu**

Tip ta' vettura	Għadd ta' avviżi	Sehem ta' avviżi li jipprovdu informazzjoni sħiħa (jekk disponibbli)	Għadd totali ta' vetturi	Għadd ta' vetturi nodfa	Sehem ta' vetturi nodfa	(għall-karozzi tal-linja biss) Għadd ta' vetturi b'emissjonijiet żero	(għall-karozzi tal-linja biss) Sehem ta' vetturi b'emissjonijiet żero
Vetturi light-duty						mhux applikabbli	mhux applikabbli
Trakkijiet						mhux applikabbli	mhux applikabbli
Karozzi tal-linja							
Informazzjoni addizzjonali	*L-Istati Membri jistgħu jużaw din il-kaxxa tat-test biex jipprovdu kwalunkwe kumment jew informazzjoni oħra li jqisu rilevanti għad-data estratta u ppubblikata mill-Kummissjoni.*						

Tabella 1a

***Data* estratta mill-bażi tad-*data* tat-TED (perjodu mit-2 ta' Awwissu 2021 sal-31 ta' Diċembru 2023)**

Tip ta' vettura	Għadd ta' avviżi	Sehem ta' avviżi li jipprovdu informazzjoni sħiħa (jekk disponibbli)	Għadd totali ta' vetturi	Għadd ta' vetturi nodfa	Sehem ta' vetturi nodfa	(għall-karozzi tal-linja biss) Għadd ta' vetturi b'emissjonijiet żero	(għall-karozzi tal-linja biss) Sehem ta' vetturi b'emissjonijiet żero
Vetturi light-duty						mhux applikabbli	mhux applikabbli
Trakkijiet						mhux applikabbli	mhux applikabbli
Karozzi tal-linja							
Informazzjoni addizzjonali	*L-Istati Membri jistgħu jużaw din il-kaxxa tat-test biex jipprovdu kwalunkwe kumment jew informazzjoni oħra li jqisu rilevanti għad-data estratta u ppubblikata mill-Kummissjoni.*						

Tabella 1b

***Data* estratta mill-Formoli elettroniċi (perjodu mill-1 ta' Jannar 2024 sal-31 ta' Diċembru 2025)**

Tip ta' vettura	Għadd ta' avviżi	Sehem ta' avviżi li jipprovdu informazzjoni sħiħa (jekk disponibbli)	Għadd totali ta' vetturi	Għadd ta' vetturi nodfa	Sehem ta' vetturi nodfa	(għall-karozzi tal-linja biss) Għadd ta' vetturi b'emissjonijiet żero	(għall-karozzi tal-linja biss) Sehem ta' vetturi b'emissjonijiet żero
Vetturi light-duty						mhux applikabbli	mhux applikabbli
Trakkijiet						mhux applikabbli	mhux applikabbli
Karozzi tal-linja							
Informazzjoni addizzjonali	*L-Istati Membri jistgħu jużaw din il-kaxxa tat-test biex jipprovdu kwalunkwe kumment jew informazzjoni oħra li jqisu rilevanti għad-data estratta u ppubblikata mill-Kummissjoni.*						

3. ***Data* kwantitattiva minn sorsi nazzjonali**

L-Istati Membri li stabbilew skemi nazzjonali ta' monitoraġġ u ta' rapportar li ma jiddependux direttament fuq il-bażi tad-*data* tat-TED iridu jużaw din it-taqsima biex jipprovdu l-informazzjoni kwantitattiva prodotta permezz ta' skemi bħal dawn. Din l-informazzjoni tista' tissostitwixxi jew tikkomplementa l-informazzjoni estratta mill-bażi tad-*data* tat-TED u mill-Formoli elettroniċi kif previst fit-Taqsima 2.

Din it-taqsima tista' tintuża wkoll biex tipprovdi kwalunkwe *data* kwantitattiva addizzjonali li l-Istat Membru jiġbor biex jimla l-lakuni identifikati fid-*data* estratta mill-bażi tad-*data* tat-TED u ppreżentata fit-Taqsima 2. Jekk l-Istati Membri jużaw kemm id-*data* estratta mill-bażi tad-*data* tat-TED u/jew mill-Formoli elettroniċi, kif ukoll id-*data* miġbura permezz ta' sorsi nazzjonali, id-*data* kompluta għandha tiġi aggregata u ppreżentata fit-Tabella 2, u għandha tinkludi kemm id-*data* diġà ppreżentata fit-Taqsima 2 u fit-Tabella 1, kif ukoll id-*data* addizzjonali miġbura mill-Istat Membru. It-Tabella 2 għandu jkun fiha wkoll spjegazzjoni dwar ir-relazzjoni bejn id-*data* pprovduta fit-Taqsima 2 u f'din it-taqsima.

Minbarra l-għadd ta' vetturi u l-għadd u s-sehem ta' vetturi nodfa u ta' karozzi tal-linja b'emissjonijiet żero, l-Istati Membri jistgħu jipprovdu informazzjoni dwar id-daqs kumplessiv tal-akkwist involut. Jistgħu jagħmlu dan billi jinkludu fit-tieni kolonna l-għadd ta' kuntratti involuti, il-valur monetarju totali tagħhom, jew kwalunkwe miżura oħra li tippermetti li jiġi stmat il-volum kumplessiv involut.

L-Istati Membri li ma stabbilewx skema ddedikata ta' monitoraġġ u ta' rapportar u li ma għandhomx sorsi addizzjonali ta' informazzjoni kwantitattiva li beħsiebhom jikkondividu jistgħu jħallu din it-taqsima vojta.

Tabella 2

Monitoraġġ nazzjonali – *data* aggregata li tkopri l-perjodu ta' referenza kollu

Tip ta' vettura	Għadd ta' kuntratti, valur monetarju, jew kejl ieħor tad-daqs tal-akkwist (jekk disponibbli)	Għadd totali ta' vetturi	Għadd ta' vetturi nodfa ([2])	Sehem ta' vetturi nodfa	(għall-karozzi tal-linja biss) Għadd ta' vetturi b'emissjonijiet żero	(għall-karozzi tal-linja biss) Perċentwal ta' vetturi b'emissjonijiet żero
Vetturi light-duty					mhux applikabbli	mhux applikabbli
Trakkijiet					mhux applikabbli	mhux applikabbli
Karozzi tal-linja						
Deskrizzjoni tal-approċċ tal-ġbir tad-*data*	*L-Istati Membri jridu jużaw din il-kaxxa tat-test biex jipprovdu ħarsa ġenerali qasira lejn l-iskema ta' monitoraġġ u ta' rapportar li stabbilew, inkluż b'mod partikolari l-kamp ta' applikazzjoni tagħha, il-kopertura temporali, kwalunkwe differenza possibbli fil-kamp ta' applikazzjoni tad-Direttiva 2009/33/KE, u l-kompletezza tar-rapportar f'termini ta' sehem ta' avviżi li jipprovdu informazzjoni sħiħa dwar l-għadd u t-tip ta' vetturi akkwistati.* *Jekk id-*data *pprovduta f'din it-tabella tissejjes fuq id-*data *pprovduta fit-Taqsima 2 u tintegraha (eż. billi timla l-lakuni identifikati), l-interrelazzjoni bejn iż-żewġ settijiet tad-data trid tiġi spjegata hawnhekk.*					
Informazzjoni addizzjonali	*L-Istati Membri jistgħu jużaw din il-kaxxa tat-test biex jipprovdu kwalunkwe kumment jew informazzjoni oħra li jqisu rilevanti għad-data estratta u ppubblikata mill-Kummissjoni.*					

4. **Informazzjoni kwalitattiva dwar l-implimentazzjoni tad-Direttiva**

Dawk ir-rapporti jridu jipprovdu informazzjoni dwar il-miżuri meħuda għall-implimentazzjoni tad-Direttiva 2009/33/KE, dwar attivitajiet ta' implimentazzjoni futuri, kif ukoll kwalunkwe informazzjoni oħra li l-Istat Membru jqis rilevanti. Meta jkun rilevanti, l-Istati Membri jistgħu jinkludu wkoll informazzjoni reġjonali jew lokali rilevanti f'din it-taqsima, b'mod partikolari dawk l-Istati Membri b'kompetenzi kondiviżi fil-livelli amministrattivi differenti għall-implimentazzjoni tad-Direttiva.

([2]) Dan huwa l-għadd totali ta' vetturi nodfa (inkluż vetturi b'emissjonijiet żero).

4.1. *Informazzjoni addizzjonali dwar id-data kwantitattiva*

L-Istati Membri jistgħu jużaw din it-taqsima biex jipprovdu kwalunkwe informazzjoni addizzjonali li jqisu rilevanti sabiex jintegraw u jikkomplementaw id-*data* kwantitattiva ppreżentata fit-Taqsima 2 u fit-Taqsima 3. B'mod partikolari, l-Istati Membri jistgħu jipprovdu informazzjoni addizzjonali relatata ma' kwalunkwe avviż, kuntratt jew proċedura ta' akkwist li għalihom ma tkunx saret disponibbli d-*data* kwantitattiva fit-taqsimiet preċedenti.

4.2. *Miżuri meħuda għall-implimentazzjoni tad-Direttiva matul il-perjodu ta' referenza attwali*

L-Istati Membri jistgħu jużaw din it-taqsima biex jippreżentaw kwalunkwe miżura li jkunu ħadu biex jimplimentaw id-Direttiva flimkien mat-traspożizzjoni tal-miri minimi għall-akkwist. Dan jista' jinkludi eż. attivitajiet ta' koordinazzjoni, pubblikazzjoni ta' gwida, korsijiet ta' taħriġ, skemi ta' appoġġ finanzjarju, jew miżuri oħra meħuda biex jgħinu jiżguraw li l-miri minimi għall-akkwist ġew issodisfati matul il-perjodu ta' referenza kopert minn dan ir-rapport.

4.3. *Ostakli identifikati*

L-Istati Membri jistgħu jużaw din it-taqsima biex jippreżentaw kwalunkwe ostaklu li ltaqgħu miegħu meta ppruvaw jimplimentaw id-Direttiva u jiksbu l-miri. Jistgħu jippreżentaw ukoll kwalunkwe miżura meħuda biex jindirizzaw dawk l-ostakli f'din it-taqsima.

4.4. *Attivitajiet ta' implimentazzjoni futuri*

L-Istati Membri jistgħu jużaw din it-taqsima biex: i) jipprovdu informazzjoni dwar l-evoluzzjoni mistennija tas-sehem ta' vetturi nodfa fil-perjodu ta' referenza li jmiss, f'termini temporali kif ukoll ta' distribuzzjoni ġeografika fl-Istat Membru; u ii) jippreżentaw kwalunkwe miżura jew azzjoni li jkunu ppjanaw biex jiżguraw li jissodisfaw il-miri minimi għall-akkwist matul dak il-perjodu ta' referenza.

4.5. *Informazzjoni addizzjonali*

L-Istati Membri jistgħu jużaw din it-taqsima biex jipprovdu kwalunkwe informazzjoni oħra li jqisu rilevanti.